Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*9 ta' Ġunju, 2010*

83/2010

# L-EFFETT TAS-SEPARAZZJONI FUQ IT-TFAL

L-għajta li llum qegħda tidwi f' Malta minn xi wħud hija li d-divorzju huwa s-soluzzjoni għal familji mkissra jew għal żwieġijiet bi problemi. Studji serji li saru f'pajjizi fejn iddaħħal id-divorzju jipprovaw illi din hija teorija għal kollox falza; anzi juru biċ-ċar illi d-divorzju għandu effetti ta' ħsara kemm fuq il-ġenituri, imma l-aktar fuq l-ulied. Għalkemm f'Malta m'hawnx divorzju, ma nistgħux niċħdu li hawn numru ta' koppji li jisseparaw. Dan jħalli ħafna effetti negattivi fuq it-tfal, u jirrizulta f'faqar ta' kull xorta: finanzjarju, emozzjonali, soċjali.

Il-Moviment ta' Kana se jorganizza laqgħa ta' formazzjoni fis-serje **Żwieġ B'Saħħtu** fejn il-Mag. Dr Doreen Clarke ser titkellem dwar l-effett ta' separazzjoni fuq l-ulied. Din il-laqgħa ser issir nhar **il-Hamis, is-17 ta' Marzu 2010, fis-7.00 p.m.,** ġewwa s-Sala Mons. Gonzi, l-Istitut Kattoliku, il- Furjana.